**28 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Robert Pace Bordin**

**Sentenza — Żball fl-Isem tal-Partijiet — Korrezzjoni — Appell.**

*Sentenza li fiha l-imputat ġie ndikat ħażin ma tirrigwardax lilu, avvolja kien hu li fil-fatt ġie kundannat. Għaldaqstant, jekk dak l-imputat jappella minn dik is-sentenza, is-sentenza ma tistax tiġi korretta fl-appell; u l-konsegwenza ma tistax tkun ħlief dik illi l-persuna kundannata bis-sentenza appellata mhix ir-rikorrent fl-appell, u ma tolqotx lilu, u ma hix eżegwibbli kontra tiegħu. U ma jkunx hemm lok li l-Qorti tal-Appell tipprovdi ulterjorment fuq l-appell, wara li tkun iddikjarat din l-inapplikabbilità u ineżegwibbilità.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imsemmi Robert Pace Bordin talli l-Ħamrun, fis-

26 ta' Diċembru 1958, f'xi s-6.15 p.m., saq car numru 10102 minn St. Joseph's High Road b'manjiera traskurata u bla kont; u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Jannar 1959, li biha ġie misjub ħati u liberat taħt il-kondizzjonijiet tal-art. 23(1)(a) tal-Liġijiet Kriminali;

Rat ir-rikors li bih Robert Pace "Bardon" appella missentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Is-sentenza appellata hi fil-konfront ta' individwu li ismu u kunjomu huma Robert Pace "Bordin". Ebda korrezzjoni ma rriżulta magħmula in prima istanza;

Ir-rikors sar minn individwu li ismu u kunjomu huma Robert Pace "Bardon";

Id-Difiża u l-Prosekuzzjoni jaqblu li l-kundannat f'dawn il-proċeduri kien imissu ġie deżinjat bħala Robert Pace "Bardon";

Korrezzjoni f'din l-istanza ma tistax issir, skond il-ġurisprudenza kostanti;

Il-konsegwenza ma tistax tkun ħlief dik konformi għall-ġurisprudenza in materja (ara Appell Kriminali "Pulizija vs. Raymond Cassar", 29 ta' Settembru 1956; u Appell Kriminali "Pulizija vs. Francis Blancho", 4 ta' Mejju 1957);

Għalhekk din il-Qorti tipprovvedi billi tiddikjara li l-kundannat fis-sentenza fuq imsemmija hu Robert Pace "Bordin", u mhux ir-rikorrent Robert Pace "Bardon", u li

għalhekk dik is-sentenza ma tolqotx lill-imsemmi rikorrent u ma hix eżegwibbli kontra tiegħu. Konsegwentement tiddikjara li ma hemmx lok li tipprovvedi ulterjorment fuq dan l-appell.